MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 700/2001/1

**Ali El-Haddar u Vincent Zammit bhala mandatarju specjali tal-assenti Saleh Frage Abuaisha**

***kontra***

**Lombard Bank Malta plc, u b`digriet tas-6 ta` Ottubru 2004 gie kjamat fil-kawza Mark Attard, u b`digriet tas-27 ta` Novembru 2007 Hector Carter (ID 953750M) u martu Anna Carter (ID 614256M) u Neil Carter (ID 509078M) u martu Susan Carter (ID 191076M) gew kjamati in kawza**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ic-citazzjoni prezentata fl-25 ta` April 2001 li taqra hekk –

*Peress illi fid-9 ta` Dicembru 1999, l-attur Ali El-Haddar fetah Savings Accounts mal-Bank tas-socjeta` konvenuta fil-fergha tal-Belt Valletta, f`ismu u f`isem l-attur l-iehor Saleh Frage Abuaisha ;*

*Peress illi s-socjeta` konvenuta accettat l-ftuh ta` dan il-kont li nghata n-numru 03440155865 u fih l-attur Ali El-Haddar iddepozita s-somma ta USD 466,228.09 ;*

*Peress illi l-attur Ali El-Haddar iffirma ismu fuq l-"speciment signature form", kif mitlub mill-Bank li jaghmel, filwaqt li l-attur l-iehor, billi kien imsiefer, kellu jaghti l-firma tieghu meta jigi Malta ;*

*Peress illi meta l-attur Ali El-Haddar rega` gie Malta u mar il-Bank fil-21 ta` Jannar 2000, biex jirtira s-somma ta USD 10,000 huwa nduna, meta nghata il-bilanc tal-kont, illi kien sar "withdrawal" mill-kont ta` USD 250,000 ;*

*Peress illi meta l-attur El-Haddar indaga x`kien dan il-"withdrawal" li ma kienx awtorizzat minn ebda wiehed mill-atturi, huwa gie nfurmat illi l-Bank kien ircieva ittra permezz ta` fax transmission, fil-21 ta` Dicembru 1999, intestata LU-AR Co. Sh. P.K. Tirana Albania, allegatament iffirmata mill-attur El-Haddar, permezz ta` liema il-Bank gie mitlub jaffettwa transferiment tas-somma ta` USD 250,000, mill-kont numru 003440155865 lil kont iehor fl-Alfa Credit Bank Tirana Branch ;*

*Peress illi l-attur Ali El-Haddar kategorikament jichad illi din l-ittra intbaghtet minnu ;*

*Peress illi dawn l-istuzzjonijiet li nghataw lill-Bank sabiex isir it-trasferiment in kwistjoni, kienu foloz, falsifikati, u fabrikati, u b`hekk jigi illi l-Bank konvenut effettwa trasferiment minghajr l-awtorizzazzjoni ta` ebda parti titolari tas-Savings Account in kwistjoni ;*

*Peress illi l-agir tal-Bank imur ghalhekk kontra l-kundizzjonijiet li accetta l-Bank li jopera il-kont, u cioe', li jagixxi biss fuq struzzjonijiet tal-firmatarji tal-kont jew min minnhom, in kwantu l-ebda wiehed mill-atturi ma kienu responsabbli ta` dawn l-istruzzjonijiet li fuqhom agixxiet il-bank ;*

*Peress illi inoltre l-Bank naqas milli jiehu l-prekawzjonijiet bankjari necessarji meta jsiru trasferimenti bhal dawn, sabiex jigu assigurat illi l-istruzzjonijiet li jircievu huma genwini ;*

*Peress illi inoltre, sa dak iz-zmien, l-attur l-iehor Saleh Frage Abuaisha, kien ghadu ma ffirmax id-dokumenti moghtija mill-Bank ;*

*Peress illi nonostante li gie interpellat jirrifondi s-somma ta` USD 250,000, il-Bank konvenut baqa` inadempjenti ;*

*Tghid ghalhekk s-socjeta` konvenuta ghalhiex m`ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara :-*

*1. Illi s-socjeta` konvenuta ittrasferiet s-somma ta` USD 250,000 fil-21 ta` Dicembru 1999, mill-kont numru 003440155865 indebitament in kwantu ma sarx abbazi ta` struzzjonijiet moghtija lilha minn wiehed mit-titolari, ossia firmatarju ta` dan il-kont ;*

*2. Sussidjarjament tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi solidalment bejniethom, ammontanti ghal USD 250,000, b`rizultat tal-fatt illi fil-21 ta` Dicembru 1999, is-socjeta` konvenuta ittrasferixxiet mill-kont numru 003440155865, intestat lill-atturi, is-somma ta` USD 250,000, minghajr l-awtorizzazzjoni awtentika u genwina tat-titolari, ossia firmatarji, ta` dan il-kont, jew wiehed minnhom, u dan minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas da parti tas-socjeta` konvenuta li tadotta sistema sikura sabiex jigi assigurat li struzzjonijiet li l-Bank jercievi huma genwini u awtentici ;*

*3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta tirrifondi ossia thallas, lill-atturi, s-somma ta` USD 250,000 rapprezentanti s-somma li gie indebitament trasferita mill-kont numru 003440155865 intestat fuq l-atturi, minghajr l-awtorizzazzjoni tal-atturi jew wiehed minnhom, liema somma tirrappresenta inoltre d-danni sofferti mill-atturi b`rizultat tal-agir tas-socjeta` konvenuta ;*

*Bl-imghax legali mid-data tat-trasferiment u cioe` mill-21 ta` Dicembru 1999, kontra il-Bank konvenut li minn issa hu ngunat in subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi, il-lista tax-xhieda ndikati minnhom, u l-elenku ta` dokumenti prezentati mar-rikors guramentat.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li l-bank konvenut ipprezenta fil-11 ta` Gunju 2001 li taqra hekk –

*Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-Bank wettaq b`diligenza l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-attur Ali El Haddar kif jirrizulta konfermat mill-anness Dokument "X".*

*Illi ulterjorment u bla pregudizzju ghal dak permess l-azzjoni attrici hi f`kull kaz minghajr fondament giuridiku stante li l-Bank konvenut kien gie ezentat minn kwalsiasi responsabilta` fil-kaz ta` transazzjonijiet bhal dik meritu tal-kawza odjerna.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-bank konvenut, il-lista tax-xhieda ndikati minnhom, u l-elenku ta` dokumenti prezentati flimkien man-nota tal-eccezzjonijiet.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda tal-attur El Haddar Ali fl-udjenzi tal-15 ta` Ottubru 2001, tal-14 ta` Dicembru 2001, tas-26 ta` April 2002 u tas-7 ta` Frar 2003 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, u rat id-dokumenti li kienu esebiti.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda tal-attur l-iehor Saleh Frage Abuaisha u ta` Graham Fairclough fl-udjenza tat-12 ta` Lulju 2002 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Graham Fairclough fl-udjenza tat-22 ta` Novembru 2003 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Graham Fairclough (fol 88 sa fol 90).

Rat id-dokument a fol 91 tal-process.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Romina Farrugia Randon (gia` Camilleri), Maria Palmier Gonzi, Joseph Scicluna, Kevin Galea Souchet, Helga Testa u Vanessa Camilleri.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezenta l-bank konvenut fl-10 ta` Jannar 2003.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda tal-Ispettur tal-Pulizija Ian Joseph Abdilla u Graham Fairclough fl-udjenza tas-27 ta` Frar 2004 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Graham Fairclough fl-udjenzi tas-16 ta` April 2004 u tas-6 ta` Ottubru 2004 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tas-6 ta` Ottubru 2004 fejn, wara talba tal-bank konvenut, kienet ordnata l-kjamata fil-kawza ta` Mark Attard.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li Mark Attard ipprezenta fil-25 ta` Ottubru 2004 li taqra hekk –

*Illi in linja preliminari, l-eccipjent ghandu jigi liberat ad observantia judicis peress illi ma tezisti ebda forma ta` relazzjoni guridika bejnu u l-atturi propio et nomine.*

*Illi minghajr pregudizzju u wkoll in linja preliminari l-azzjoni kif promossa ghal-likwidazzjoni u kundanna ta` hlas ta` danni in kwantu diretta fil-konfront tgal-eccipjent hija preskritta fit-termini tal-Art 2153 tal-Kodici Civili.*

*Illi minghajr pregudizzju fil-merti t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-eccipjenti ma kien qatt involut b`ebda mod fit-transazzjoni relattiva li saret fuq il-kont de quo.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-kjamat fil-kawza Mark Attard u l-lista tax-xhieda ndikati minnhom.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Graham Fairclough fl-udjenza tad-19 ta` Novembru 2004 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u rat id-dokument li kien prezentat.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda in kontroezami ta` Joseph Scicluna fl-udjenza tad-9 ta` Mejju 2005 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda in kontroezami ta` Maria Palmier Gonzi fl-udjenza tas-27 ta` Gunju 2005 u tas-7 ta` Novembru 2005 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u rat id-dokument li kien prezentat.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda in kontroezami ta` Romina Frendo Randon (gia` Camilleri) u ta` Helga Triganza (gia` Testa) fl-udjenza tat-12 ta` Mejju 2006 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda in kontroezami ta` Kevin Galea Souchet fl-udjenzi tat-28 ta` Mejju 2007 u tat-12 ta` Ottubru 2007 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u rat id-dokumenti li kienu prezentati.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda tal-Ispettur Ian Joseph Abdilla fl-udjenza tat-12 ta` Jannar 2006 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fis-27 ta` Novembru 2007 fejn, wara talba tal-bank konvenut, kienet ordnata l-kjamata fil-kawza ta` l-konjugi Hector u Anna konjugi Carter, u tal-konjugi Neil u Susan konjugi Carter.

Rat ir-risposta guramentata li l-kjamati fil-kawza Hector u Anna konjugi Carter ipprezentaw fid-19 ta` Gunju 2008 li taqra hekk –

*1. Illi l-eccipjenti la ghandhom u lanqas qatt ma kellhom ebda relazzjoni la guridika u lanqas xort`ohra ta` kwalsiasi natura mal-atturi odjerni u huma ghal kollox estranei ghar-relazzjoni guridika li dawn l-atturi ghandhom jew f`xi zmien seta` kellhom mal-Bank konvenut u ghalhekk t-talbiet attrici kif proposti fil-konfront tal-eccipjenti huma legalment insostenibbli u ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhom ghalhekk jigu respinti bl-ispejjez ;*

*2. Illi ulterjorment in kwantu t-talbiet attrici kif proposti jirrizultaw li huma di natura legali talba ghad-danni, l-azzjoni attrici fil-konfront tal-eccipjenti hija preskritta a tenur ta` l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*3. Illi l-eccipjenti ulterjorment f`dan il-kuntest qeghdin minn issa jzommu sia lil Lombard Bank plc li talab il-kjamata in kawza taghhom fil-proceduri odjerni u sia wkoll lil Mark Attard ex impjegat tal-istess Bank li implika lill-eccipjenti Hector Carter f`din l-istorja, pienament responsabbli ghad-danni kollha li huma gew esposti ghalihom bhala konsegwenza tal-agir tal-istess ;*

*4. Illi l-eccipjenti Anna Carter tirrileva ulterjorment ghal kull effett u finijiet tal-ligi illi mkien ma jirrizulta li saret xi referenza ghaliha f`dawn il-proceduri u ghalhekk ukoll il-kjamata in kawza taghha hija rrita u nulla ;*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kjamati fil-kawza Hector u Anna konjugi Carter.

Rat ir-risposta guramentata li l-kjamati fil-kawza Neil u Susan konjugi Carter ipprezentaw fid-19 ta` Gunju 2008 li taqra hekk –

*1. Illi l-eccipjenti la ghandhom u lanqas qatt ma kellhom ebda relazzjoni la guridika u lanqas xort`ohra ta` kwalsiasi natura mal-atturi odjerni u huma ghal kollox estranei ghar-relazzjoni guridika li dawn l-atturi ghandhom jew f`xi zmien seta` kellhom mal-Bank konvenut u ghalhekk t-talbiet attrici kif proposti fil-konfront tal-eccipjenti huma legalment insostenibbli u ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhom ghalhekk jigu respinti bl-ispejjez ;*

*2. Illi ulterjorment in kwantu t-talbiet attrici kif proposti jirrizultaw li huma di natura legali talba ghad-danni, l-azzjoni attrici fil-konfront tal-eccipjenti hija preskritta a tenur ta` l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*3. Illi l-eccipjenti ulterjorment f`dan il-kuntest qeghdin minn issa jzommu sia lil Lombard Bank plc li talab il-kjamata in kawza taghhom fil-proceduri odjerni u sia wkoll lil Mark Attard ex impjegat tal-istess Bank li implika lill-eccipjenti Hector Carter f`din l-istorja, pienament responsabbli ghad-danni kollha li huma gew esposti ghalihom bhala konsegwenza tal-agir tal-istess ;*

*4. Illi jigi notat f`dan il-kuntest illi fir-Rikors tieghu tat-2 ta` Novembru 2007 fejn talab il-kjamata in kawza, il-Lombard Bank plc naqas illi jsemmi illi ma hemm pendenti ebda proceduri penali fil-konfront tal-eccipjenti Neil Carter u dan minkejja investigazzjoni ntensiva da parti tal-Pulizija wara l-allegazzjonijiet maghmula minn Mark Attard ;*

*5. Illi l-eccipjenti Susan Carter tirrileva ulterjorment ghal kull effett u finijiet tal-ligi illi mkien ma jirrizulta li saret xi referenza ghaliha f`dawn il-proceduri u ghalhekk ukoll il-kjamata in kawza taghha hija rrita u nulla – u dan multo magis meta wwiehed iqis illi fil-perijodu tal-allegati fatti hija lanqas biss kienet mizzewga lill-eccipjenti Neil Carter.;*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kjamati fil-kawza Neil u Susan konjugi Carter.

Semghet ix-xiehda ta` l-Marixxal Manolito Briffa u ta` Joseph Attard fl-udjenza tas-7 ta` Ottubru 2010.

Rat in-nota li pprezenta l-Av. Roberto Mantalto fl-udjenza tas-7 ta` Ottubru 2010 fejn irrinunzja ghall-patrocinju tal-kjamat fil-kawza Mark Attard.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` l-kjamati fil-kawza Neil Carter u Susan Carter, u rat in-nota b`dokument li pprezentaw fis-17 ta` Frar 2011.

Semghet ix-xiehda ta` Joseph Attard fl-udjenza tal-4 ta` April 2011.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-kjamati fil-kawza Hector Carter u Anna Carter.

Semghet id-deposizzjoni tal-Av. Alexia Aquilina fl-udjenza tat-23 ta` Mejju 2011.

Semghet ix-xiehda in kontroezami tal-Ispettur Ian Joseph Abdilla fl-udjenzi tat-13 ta` Ottubru 2012 u tal-1 ta` Marzu 2012, u rat id-dokumenti li kienu prezentati.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` l-attur Ali El Haddar.

Semghet ix-xiehda in kontroezami tal-kjamat fil-kawza Hector Carter fl-udjenza tal-1 ta` Marzu 2012.

Semghet id-deposizzjoni ta` Paul Scicluna fl-udjenza tas-7 ta` Mejju 2012.

Semghet ix-xiehda ta` Joseph Bugeja fl-udjenza tad-9 ta` Ottubru 2012.

Semghet ix-xiehda ta` Connie Azzopardi fl-udjenza tal-21 ta` Frar 2013.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li pprezentaw il-partijiet – hlief ghall-kjamat fil-kawza Mark Attard.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar fl-udjenza tal-24 ta` Ottubru 2013.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza, inkluz id-dokument li pprezenta l-bank konvenut mar-rikors tieghu tas-17 ta` Dicembru 2013, il-prezentata ta` liema dokument il-Qorti awtorizzat b`digriet tagha tal-14 ta` Jannar 2014.

**Ikkunsidrat :**

## II. Provi

**L-attur El Haddar Ali** xehed illi kien ilu klijent tal-bank konvenut mill-1995. Il-kont in kwistjoni kien *joint account* f`ismu u f`isem l-attur l-iehor Saleh Frage Abuaisha. Huwa kien mar personalment il-bank biex jiftah il-kont. Dan kien fid-9 ta` Dicembru 1999. Ma ffirma l-ebda dokumenti ohra, ghajr dawk soliti meta jinfetah kont gdid. Iffirma l-*specimen signature form* sabiex jiftah il-kont. Abuaisha ma kienx prezenti meta nfetah il-kont bankarju ; dan kellu jiffirma iktar `il quddiem meta jkun Malta. Fil-fatt anke Abuaisha in segwitu ffirma l-*specimen signature form*. Fil-kont gew trasferiti flus fl-ammont ta` US$ 466,200 li qabel kienu go kont iehor ma` l-bank konvenut. Ghamel ukoll transazzjoni

ohra ta` US$ 25,000 minn kont iehor tieghu. Xehed illi fit-23 ta` Dicembru 1999 kienu trasferiti flus mill-kont il-gdid minghajr l-awtorizazzjoni jew kunsens tieghu u ta` Abuaisha. Sar jaf li kien gara hekk meta fil-21 ta` Jannar 2000 mar il-bank biex jigbed US$ 10,000 ; meta nghata l-bilanc sab li kien hemm US$ 250,000 mill-kont il-gdid. Meta staqsa dwar it-trasferiment, kien infurmat li l-bank kien inghata struzzjonijiet biex jaghmel it-trasferiment permezz ta` fax li allegatament kellha l-firma tieghu. Huwa cahad li qatt iffirma jew baghat dik il-fax jew li qatt awtorizzat it-trasferiment tal-flus. Huwa qatt ma kellu negozju mal-kumpannija li kienet tidher fuq il-letterhead tal-fax li rcieva l-bank konvenut. Meta kien jopera l-kontijiet l-ohra tieghu, huwa kien jibghat fax fuq karta minghajr l-ebda letterhead, u kien icempel lil bank konvenut biex jinfurmahom. Kien jaghtihom id-dettalji, il-card number, ismu u informazzjoni ohra. Fuq il-fax li kien jibghat lill-bank kien jnizzel il-*code number.* Huwa sostna li l-fax li rcieva l-bank kienet differenti minn dawk li kien jibghat hu u ma kellhiex il-*code number* tieghu mnizzel fuqha. Xehed li ma kellu l-ebda konnessjoni mal-kont fejn kienu trasferiti l-flus u lanqas qatt ittratta ma` Alpha Credit Bank. Meta sar it-trasferiment mhux awtorizzat, Abuaisha ma kienx ghad ffirma d-dokumenti tal-bank ; lanqas l-*specimen signature form*. Meta talab rimedju mill-bank konvenut, l-ufficjali tal-bank sostnew li ghalkemm riedu jaghtuh l-assistenza taghhom, il-bank ma kienx responsabbli, u ghalhekk baqa` ma giex rimborsat il-flus li kienu gew trasferiti. Stqarr illi fuq il-kont il-gdid ma kienx ghadu ffirma *indemnity form* peress li kien ghadu ma ddiskutiex dik il-kwistjoni ma` Abuaisha. Huwa qatt ma ffirma dokument li kien jawtorizza lill-bank konvenut illi jagixxi fuq *fax instructions* tieghu jew tal-*partner* tieghu. Fil-**kontroezami**, El Haddar xehed illi huwa ma kienx jaf lil Hector Carter u lanqas qatt iltaqa` mieghu. Ghalhekk la qatt innegozja mieghu u lanqas kellu jaghti flus lill-istess Carter.

**L-attur Saleh Frage Abuaisha** xehed illi huwa ried jiftah kont mal-attur l-iehor. L-ammont depozitat kien US$ 400,060. Huwa kien mar jaghti l-*specimen signature* tieghu lill-bank konvenut xi sena wara li sehh il-kaz mertu ta` din il-kawza. Xehed illi huwa qatt ma ta struzzjonijiet lill-bank konvenut dwar dak il-kont ; la bit-telefon u lanqas bil-fax. Lanqas ma seta` l-bank jopera b`ordnijiet bit-telefon peress li biex issir operazzjoni kellu jmur il-bank huwa personalment jew l-attur l-iehor. Mal-bank konvenut, huwa kellu tliet kontijiet ; fil-kaz tal-ebda wiehed minnhom ma ta struzzjonijiet lill-bank illi seta` jaghmel operazzjonijiet bil-fax jew bit-telefon. Qatt ma mar l-Albanija, u ma kienx jaf bil-kumpannija, li isimha jidher fuq il-fax li ntbaghat lill-bank. Huwa qatt ma ta ordni lill-bank konvenut sabiex jittrasferixxi trasferiti US$ 250,000 ghal bank fl-Albanija. L-istess ighodd ghal El Haddar.

**Graham Fairclough** – General Manager tal-bank konvenut – xehed illi kien jaf lill-atturi ghaliex kienu ilhom snin jahdmu mal-bank. Wara li sehh il-kaz, il-bank ghamel investigazzjonijiet, u offra li jghin lill-attur biex jiehdu lura l-flus. Il-bank ikkorrisponda mal-bank fl-Albanija meta kienu marru l-flus, u anke mal-Bank Centrali tal-Albanija, izda ma wasal imkien. Ir-risposta mill-

Albanija kienet li l-applikazzjoni tal-fondi kienet skond ir-regoli bankarji u ma setghetx tinghata assistenza dwar rifuzjoni ta` dawk il-fondi. Ikkonferma li l-flus kienu gew trasferiti. Il-bank sar jaf illi l-kumpannija ndikata fil-fax kienet tezisti izda ma kienx skopert min kienet il-kumpannija. Ikkonferma li l-attur dejjem cahad li kellu xi konnessjoni ma` dik il-kumpannija jew li baghat il-fax in kwistjoni. Qal ukoll illi Saleh Frage Abuaisha ma kienx ghadu iffirma struzzjonijiet biex il-bank jagixxi b`fax jew metodi ohra dwar il-kont partikolari.

Xehed illi meta klijent jitlob li l-bank jagixxi fuq struzzjonijiet permezz tat-telefon jew fax, il-bank jirrikjedi li tkun iffirmata *indemnity form*. Fil-kaz tal-attur El Haddar,, ma kinitx intalbet *indemnity form* ohra peress li l-bank qaghad fuq l-*indemnity form* ohra li diga` kellu tieghu, liema *form* kienet saret fuq kont bankarju li kellu ma` persuna ohra. Meta nfetah il-kont il-gdid, ix-xhud ma kienx prezenti u ghalhekk ma jafx jekk l-attur kienx intalab kif kien ser jopera dak il-kont. Dwar Saleh Frage Abuaisha, ma jafx kienx iffirma *indemnity form*. Fil-kaz tat-trasferiment mertu ta` din il-kawza, l-istruzzjonijiet waslu l-bank bil-fax biss. Tramite korrispondenza skambjata mal-bank fl-Albanija, irrizulta taghrif dwar il-persuni li kienu firmatarji tal-kont fejn kienu trasferiti il-flus tal-atturi.

Xehed illi fost servizzi ohra, il-bank konvenut joffri servizz ta` `*payment orders*` minghand il-klijenti bil-fax. Dan ifisser li l-bank jaccetta struzzjonijiet bil-fax minghand il-klijenti tieghu sabiex isiru trasferimenti flus mil-kontijiet taghhom. Il-bank jitlob li f`kazi bhal dawk jigi indennizzat mill-klijent fis-sens illi l-klijent jaccetta li jgorr ir-riskji involuti u jezenta l-bank mir-responabbilita`. Jekk klijent ma jiffirmax l-indemnity, il-bank ma jaccettax li jagixxi fuq *payment orders* bil-fax. El Haddar kien klijent tal-bank konvenut li kien ta struzzjonijiet sabiex isiru *payment orders by fax* u kien anke ffirma *fax indemnity form*.

Xehed illi fil-kaz tal-lum, il-bank konvenut ircieva *payment order by fax* bid-data ta` l-20 ta` Dicembru 1999 bil-firma ta` Ali El Haddar biex jigu trasferiti US$ 250,000 ghal go kont ma` Alpha Credit Bank AE, Tirana Branch, Albanija f`isem LU - AR Co SHPK. Kienet segwita l-procedura normali fis-sens li sar tqabbil tal-firma li kien hemm fuq il-fax ma` dik originali, u wara tali verifika, il-bank ipproceda bit-trasferiment. Lejn tmiem Jannar 2000, il-bank kien infurmat minn Ali Eli Haddar li kien sar xi zball peress li huwa kien talab li jsir trasferiment ta` US$ 25,000 u mhux ta` US$ 250,000. Ali Eli Haddar kien muri l-fax u dak immedjatament sostna li l-firma fuq il-fax ma kinitx il-firma tieghu.

Sostna li Ali Eli Haddar kien insista tramite l-avukat tieghu sabiex l-bank isib u jirkupra l-fondi trasferiti. Il-bank dahal f`korrispondenza estensiva ma` Alpha Credit Bank AE ta` Tirana u ma` l-Ufficju Generali (Head Office) ta` Ateni, kif ukoll mal-Bank Centrali ta` l-Albanija sabiex tinkiseb kemm jista`

jkun informazzjoni. Il-bank ghamel dan kollu biex jaghti servizz lill-klijent ghax il-bank ma kienx accetta responsabbilita` ghal li gara bil-flus tal-attur. Il-bank agixxa b`mod regolari u skond l-istruzzjonijeit tal-klijent. Minkejja l-korrispondenza ma kienx hemm ezitu pozittiv. Il-bank ma involviex lill-Pulizija fil-kaz billi fil-fehma tal-bank, meta l-bank agixxa fuq *payment order* bil-firma ta` Ali El Haddar, li giet awtentikata mal-firma originali tieghu li l-bank kellu *on file*, ma kien hemm xejn irregolari.

Fil-**kontroezami**, Fairclough xehed illi kienu l-pulizija li avvicinaw lill-bank. Isostni li ghall-bank il-firma fuq il-fax ma kenitx falza ghaliex dik il-firma kienet taqbel ma` dik li kien hemm fir-records tal-bank. Kull ma kellu l-bank kienet l- allegazzjoni tal-klijent li ma kienx iffirma dak il-fax.

Stqarr illi l-pulizija nfurmawh li kienu qed jigu investigati diversi persuni dwar frodi, fosthom impjegat tal-bank jismu Mark Attard. Il-bank ma jafx fejn wasslet l-investigazzjoni tal-pulizija. Jaf li Attard kien skrivan fid-Dipartiment tal-Accounts u rrizenja volontarjament mill-impieg mal-bank ; ma kienx jaf ir-raguni tar-rizenja. Xi xhur irrizenja, Attard kien gie trasferit ghal fergha ohra tal-bank. Il-bank ma kienx kellem lil Attard dwar il-kaz ta` El Haddar.

Spjega li l-bank ghandu persuna inkarigata mill-investigazzjonijiet ; dan huwa c-Chief Inspector. Fiz-zmien tal-kaz, ic-Chief Inspector kien Carmel Vassallo. Ma jafx jekk Vassallo kienx ltaqa` ma` Attard qabel irrizenja. Jaf li l-Pulizija staqsew lill-bank dwar x` tip ta` xoghol kien jaghmel Attard u jekk kienx jaf mill-qrib lil El Haddar. Ir-risposti tal-bank kienu fis-sens illi Attard kien jahdem fl-Accounts Department pero` il-bank ma kienx jaf jekk Attard kienx jaf lil El Haddar. Li l-bank jaf huwa li Attard kien jipprocessa transazzjonijiet ta` El Haddar. Attard kien jaf kif kienet il-firma ta` El Haddar ghax huwa kellu access ghar-records tal-bank.

Xehed illi fis-16 ta` Settembru 2002, Mark Attard kien trasferit mill-Head Office tal-Belt ghall-fergha Ta` Sliema. It-trasferiment kien skond prassi normali fejn wara certu zmien impjegati jigu trasferiti ghal ferghat ohra. Ma kien hemm regola dwar il-frekwenza tat-trasferimenti ghaliex kollox kien jiddependi mic-cirkostanzi. Attard kien ilu Head Office mill-bidu tal-impieg tieghu mal-bank. Id-decizjonijiet dwar trasferimenti jittiehdu mid-Dipartiment tar-Risorsi Umani tal-bank. Huwa ma jafx li kien hemm xi rikjesta specifika li Attard jigi trasferit minn Head Office. Il-Manager li kellu Attard meta mar Tas-Sliema kien Kenneth Lanzon. Il-Manager tieghu meta kien Head Office kien Philip Saliba.

Qal illi Mark Attard xtaq li ma jkunx trasferit lejn il-fergha Tas-Sliema. L-ittra tar-rizenja ta` Attard kienet datata 28 ta` Ottubru 2002. L-ittra nghata

lill- Human Resources Department. Fuq l-ittra kien hemm it-timbru tar-ricevuta tal-bank. Il-bank accetta r-rizenja ta` Attard. Attard kellu jieqaf mix-xoghol fil-31 ta` Jannar 2003.

Xehed illi meta l-bank jircievi struzzjonijiet bil-fax, l-iskrivan li jkun qed jipprocessa l-pagament jaghmel verifiki dwar il-firma kif ukoll is-supervisor. L-iskrivan imur jara l-firma li l-bank ikollu fir-records u jekk il-firma tkun taqbel mal-firma tar-records, huwa jindika fuq il-fax li l-firma giet imqabbla. Fil-kaz tal-lum kienet Vanessa Camilleri li kkomparat il-firem. Ma kien hemm l-ebda dubju li l-firma ma kinitx ta` El Haddar u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li l-bank jikkomunika ma` El Haddar.

Fisser illi l-fax li rcieva l-bank kienet fuq letterhead ta` Loucar Shipping Ltd izda l-istruzzjonijiet li kien hemm fuq il-fax kienu cari li gejjin minn Ali El Haddar. Il-bank ma kellu l-ebda relazzjoni ma` Loucar Co Shipping. L-unika struzzjoni li rcieva l-bank u li fiha hemm timbru ta` Loucar Co Shipping hija propju din il-fax. Apparti Vanessa Camilleri, il-firma kien verifikata minn persuni li jkunu qed jipprocessaw it-transazzjoni. Ghalhekk tkun involuta aktar minn persuna wahda. Mhux kull impjegat jista` jidhol fir-records u jara l-bilanc li jkun hemm fil-kontijiet bankarji. Il-bank ma ghamel l-ebda enquiry biex jara min dahal fil-kont ta` El Haddar.

**Romina Farrugia Randon gia` Camilleri** – skrivana tal-bank konvenut – xehdet illi f`Dicembru 1999, kienet tahdem Head Office fil-Foreign Department. Fost id-dmirijiet taghha hija kellha tezegwixxi trasferimenti ta` munita barranija f` destinazzjonijiet indikati skond l-ezigenzi u struzzjonijiet tal-klijenti tal-bank. Fl-20 ta` Dicembru 1999, il-bank ircieva struzzjonijiet bil-fax minghand Ali El Haddar biex isir trasferiment ta` US$ 250,000 minn kont ta` l-istess Ali El Haddar ghal go kont ta` bank fl-Albanija.

Qalet illi sabiex jigu ezegwiti sruzzjonijiet ta` din ix-xorta, hemm prassi li tigi verifikata l-firma li jkun hemm fuq il-fax mal-firma tal-klijent li l-bank ikollu fir-records tieghu. Hija kienet iccekkjat li l-firma li kien hemm fil-fax instructions kienet taqbel ma` l-ispecimen signature ta` Ali El Haddar kif ukoll vverifikat jekk il-bank kellux awtorizazzjoni minghand il-klijent biex isiru pagamenti u trasferimenti tramite struzzjonijiet moghtija b` fax. Vanessa Camilleri sabet l-awtorizazzjoni, ghamlet it-tqabbil tal-firma, u ghamlet nota fuq il-formola fir-records tal-bank fejn ikkonfermat li kienet ivverifikat il-firma fuq il-fax mal-firma originali. Imbaghad hadet id-dokumentazzjoni lis-superjura taghha Maria Palmier Gonzi sabiex din ticcekja u tawtorizza l-pagament ossija t-trasferiment tal-flus billi tiffirma fuq tali dokumentazzjoni. Imbaghad ghaddiet kollox lil Kevin Galea Souchet sabiex jerga` jiccekja l-affarijiet. Imbaghad hija pprocessat il-karti u baghtet kollox lid-dipartiment minn fejn isiru t-trasferimenti.

Xehdet illi fil-21 ta` Jannar 2000, mar il-bank Ali El Haddar u kienet qeghda taqdih Helga Testa. Semghetu jistaqsi dwar xi trasferiment u struzzjonijiet. Semghet ighid li kien sar zball u li kellu jsir trasferiment a` US$ 25,000 u mhux ta` US$ 250,000. Helga Testa uriet lil Ali El Haddar kopja ta` l-inkartament tal-bank inkluza l-fax, u El Haddar beda jichad li huwa baghat dak il-fax u li huwa ffirma dak il-fax. Testa avzat lil Kevin Galea Souchet b`dan kollu. El Haddar baqa` jallega li kien sar zball, li l-impjegati tal-bank ma kinux jafu x`qed jaghmlu ghax it-trasferiment kien sar fiz-zmien il-Milied, u finalment beda anke jinsinwa li l-firma giet falsifikata minn xi impjegat tal-bank.

Fil-**kontroezami**, Romina Farrugia Randon xehdet illi meta vverifikat, il-kont kien jghajjat lil El Haddar biss. Ma kenitx rat id-dokument a fol 205 tal-process izda rat biss il-fax indemnity form li kienet issejjah lil El Haddar biss. Illum il-gurnata, il-bank bidel il-procedura u jezigi li l-impjegati jcemplu lill-klijent, kontra ghal dak li kien isir qabel inqala` dan il-kaz. Id-dokument a fol 14 huwa l-fax li rcieva l-bank. Il-bank qatt ma kellu struzzjonijiet mill-kumpanija li isimha jidher fil-letterhead. Il-firma li ccekjat hi kienet dik li hemm fuq il-*fax indemnity form* u mbaghad wara ivverifikat il-firma ma` l-firma fl-*specimen form*. L-*specimen signature* ratha wara. Ma kellha bzonn il-permess ta` hadd biex tara dik l-*specimen signature*. Rat il-firem ma` Vanessa Cmamilleri peress li Vanessa Camilleri kellha l-form ghandha. Ma kenitx taf ghalfejn il-form kienet ghand Camilleri.

Xehdet illi qatt ma kienet rat qabel lil El Haddar jew ikkomunikat mieghu. Meta El Haddar mar il-bank, huwa insista li t-trasferiment kellu jkun ta` US$ 25,000 dollari izda meta ntwera l-kopja tat-talba ghat-trasferiment, huwa qal li qatt ma kien ta struzzjonijiet biex jintbaghtu US$ 25,000 jew US$ 250,000 dollari. Ma kenitx taf li f`Dicembru El Haddar kien ghamel trasferiment iehor.

**Maria Palmier Gonzi** – impjegata ohra tal-bank konvenut – xehdet illi fit-tieni jew fit-tielet gimgha ta` Jannar 2000, hija rat lil Ali EL Haddar il-bank fejn kien talab li ssir kjarifika dwar trasferiment. Rat lil Helga Testa taqdi lil Ali El Haddar. Dan beda jghid li kien hemm zball fit-trasferiment ta` Dicembru u li t-trasferiment kellu jkun ta` US$ 25,000. Helga Testa marret tivverifika u sussegwentement spjegat lil Ali El Haddar li kien hemm struzzjonijiet ghal trasferiment ta` US$ 250,000 permezz ta` fax. Imbaghad Ali El Haddar bidel il-verzjoni u beda jsostni li US$ 25,000 kienet tirrigwarda transazzjoni ohra, u mhux dik konnessa ma` US$ 250,000. Semghetu jghid li l-firma fuq il-fax ma kinitx tieghu. Beda jinsinwa li t-trasferiment sar fi zmien il-Milied meta hadd ma kien jaf x`qed jaghmel, u li jista` jkun li kien wiehed mill-impjegati stess li ffalsifika l-firma tieghu.

Qalet illi hija procedura normali li f`kaz ta` trasferimenti li jsiru fuq struzzjonijiet *by fax*, tigi verifikata li tezisti d-debita awtorizazzjoni sabiex il-bank jaghmel it-trasferiment, kif ukoll li tigi verifikata l-firma fuq il-fax mal-firma li l-bank jkollu fir-records tieghu. Bhala *first signatory* fuq l-awtorizazzjoni interna biex sar il-pagament, hija ghamlet il-verifiki u kienet sodisfatta li l-klijent kien ta struzzjonijiet li l-bank jezegwixxi struzzjonijiet bil-fax, u li l-firma fuq il-*fax instruction* kienet taqbel mal-firma originali tal-kont li l-bank kellu fir-records tieghu.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud spjegat li f`dan il-kaz, l-istruzzjonijiet gew tramite fax. Hija baghtet lill-iskrivana biex iggib il-*fax indemnity* u s-*signature card*. Kien jigi accertat jekk kienx hemm flus fil-kont li l-firma kienet taqbel. Fil-kaz ta` ammonti kbar, jkun hemm bzonn verifika minn impjegat iehor. Fil-kaz in ezami, il-fax in kwistjoni dahlet fl-Investments Department u Romina Farrugia Randon marret iggib l-affarijiet minghand Vanessa Camilleri. Li tiftakar hu li Romina u hi iccekkjaw li kollox kien sew. Mhuwiex ta` interess ghall-bank fejn se jmorru l-flus. Ma tiftakarx lil min kien jghajjat il-kont. Lanqas ma ftakret meta kienet saret il-*fax indemnity form* u dwar liema kont kienet saret.

Qalet illi meta klijent ikun ser jiftah kont gdid ma` haddiehor, irid jaghti *fax indemnity* gdida. Ma tiftakarx jekk kinitx iccekkjat jekk kienx hemm *fax indemnity* gdida. Insistiet li ma tiftakarx meta saret il-*fax indemnity*. Hija ccarat illi jekk kont ikun fuq isem zewg persuni izda jkun hemm *fax indemnity* ta` persuna wahda, il-pagament xorta jigi processat. Murija d-dokument a fol 165, xehdet illi dak id-dokument jimtela sabiex isir it-trasferiment ta` fondi, u li l-fatt li hemm imnizzel fuq Mr Ali El Haddar biss juri li fuq l-istruzzjonijiet tal-fax kien hemm il-firma tieghu biss. Il-firma l-ohra fuq dak id-dokument hija ta` Kevin Galea Souchet ; id-dokument imtela` minn Romina Camilleri. Qalet ukoll li jekk jinfetah kont minn zewg persuni, huma z-zewg persuni li ghandhom jaghtu l-awtorizazzjoni biex il-kont jkun operat bl-awtorizzazzjoni tat-tnejn jew ta` wiehed minnhom. Sostniet li qabel it-trasferiment tal-flus, ma ppruvatx taghmel kuntatt ma` El Haddar.

Stqarret illi ma kenitx prattika tal-bank li jcempel lil klijenti biex jivverifika l-istruzzjonijiet moghtija bil-fax. Ikkonfermat illi ma kienet inghatat l-ebda tahrig mill-bank biex taghraf il-firem. L-*specimen signatures* jinzammu fl-*Specimen Department* tal-*Investments Department*. Kulhadd kellu access ghall-ispecimen signatures. Fil-bank ma hemm l-ebda registru li juri min kien acceda ghall-firem. Qal li lil Mark Attard kienet tafu.

Xehdet illi El Haddar kien l-ewwel mar fl-*Investments Department* u imbaghad kien waqaf mal-counter u tkellem ma` Helga Testa peress li hija marret biex taqdih. Ma tiftakarx li fid-9 ta` Dicembru, El Haddar kien ghamel

trasferiment ta` US$ 25,000 minn kont differenti. Sa meta kien semma` US$ 25,000 u mbaghad induna li kienu minn kont differenti, El Haddar kien ghadu ma giex muri l-fax li kienet qed tordna trasferiment ta` US$ 250,000. Malli kien muri l-fax, huwa sostna li l-firma ma kinitx tieghu.

Waqt **riezami**, ix-xhud kienet murija d-dokument a fol 91 u sostniet li dik hija *fax indemnity* izda li kienet rat hi, ma kelliex thazziz u f` din kien hemm bzonn il-firma ta` l-attur l-iehor. Skond dik il-*fax indemnity*, hija kellha bzonn l-*mandate* ta` l-attur l-iehor. L-*indemnity* imtliet minn Vanessa Camilleri. Meta jinfetah kont, ikun ahjar li jkunu prezenti z-zewg persuni flimkien, izda jista` jaghti l-kaz li jkun hemm arrangamenti sabiex persuna tiffirma wara l-ohra. F`dan il-kaz kien hemm *mandate* li trasferiment seta` jsir minn persuna wahda firmatarja tal-kont.

Stqarret illi l-kont in kwistjoni kien infetah mill-atturi b`*either to sign*`. Fetah il-kont Ali El Haddar u ffirma, waqt li Abuaisha kien ghadu ma ffirmax. Ladarba Abuaisha kien ghadu ma ffirmax, il-bank kien ghadu ma jafx jekk kienx accetta li l-kont ikun *either to sign.*

Xehdet illi l-fax indemnity form ma kinitx wahda gdida izda kienet wahda li El Haddar kellu wahda ma` terz ; dan it-terz inqata` barra, u sar il-kont il-gdid bejn l-atturi b`*mandate* gdid izda bl-istess *fax indemnity.* Ma saritx *fax indemnity* gdida peress li El Haddar kien qalilhom li m`hemmx ghalfejn. Ikkonfermat li meta nfetah il-kont il-gdid fuq isem l-atturi hija ma kinitx prezenti biex tara jekk kienx hemm bzonn ta` *fax indemnity* gdida. Ikkonfermat ukoll li l-unika *fax indemnity form* tmur lura ghall-1994.

**Joseph Scicluna** – Manager mal-bank konvenut – xehed illi f`Dicembru 1999 huwa kien manager fil-Head Office. Fil-21 ta` Jannar 2000, Ali El Haddar mar ghandhom il-Belt biex jistaqsi u jaghmel xi verifiki dwar il-bilanc li kellu go kont. Meta nghata l-bilanc qal li l-bilanc ma kienx korrett u ried dettalji dwar l-ahhar operazzjonijiet li kienu jidhru fuq il-kont. Helga Testa li kienet l-iskrivana infurmat lil Ali El Haddar illi fl-20 ta` Dicembru 1999, il-bank kien ircieva struzzjonijiet permezz ta` fax ghal trasferiment ta` US$ 250,000 ghal kont fl-isem ta` LU-AR Co Shpk fl-Albania. Ir-reazzjoni ta` Ali El Haddar kienet li l-ammont ta` kellu jkun ta` US$ 25,000 u mhux ta` US$ 250,000. L-iskrivana marret tivverifika fl-arkivji. X`hin marret lura Ali El Haddar infurmaha li l-operazzjoni li kien rrefera ghaliha qabel, u cioe` dik ta` US$ 25,000 kienet haga ohra. Meta mbaghad ra l-istruzzjonijiet bil-fax, El Haddar beda jghid li dan kien *inside job* u li xi hadd mill-impjegati tal-bank kien iffalsifika l-firma tieghu. El Haddar cahad li ffirma jew baghat dawk l-istruzzjonijiet. Allega wkoll illi billi t-trasferiment sar fiz-zmien tal-Milied, l-ufficjali tal-bank ma kinux f`sensihom u ghamlu zball. Helga Testa infurmat lil Vanessa Camilleri peress id-dokumentazzjoni dwar it-trasferiment kellha nota `*Confirmed Vanessa*`. Kull

ma xehed kien fuq informazzjoni li tawh Helga Testa, Romina Camilleri, Maria Palmier Gonzi u Kevin Galea Souchet.

Fil-**kontroezami**, Scicluna xehed illi huwa kien jaf lil El Haddar bhala klijent regolari tal-bank. Meta x-xhud sar manager fis-sezzjoni tal-foreign, dan l-attur kien diga` klijent tal-bank. Qatt ma tkellem ma` El Haddar dwar il-kaz. Huwa ma kienx involut fl-ebda investigazzjonijiet li saru. Qal li s-samples tal-firem tal-klijenti barranin jinzammu fl-Investments Department u kwalunkwe impjegat kellu access ghal dawn il-firem. Meta impjegat tal-bank jaccedi ghall-firem, ma jsir l-ebda rendikont jew kontroll ta` xi jkun ra. Lanqas ma ghandu bzonn permess mis-superjuri tieghu. Meta l-bank jircievi struzzjonijiet ghal pagament permezz ta` fax, huwa jidhol fil-kwistjoni biex jivverifika l-istruzzjonijiet li jkunu nghataw pero` f`dan il-kaz ma setax jitakar jekk kienx ivverifika l-istruzzjonijiet li kien ta l-attur. Ma jidhirlux li *fax indemnity* trid necessarjament tkun verifikata mill-Manager li jawtorizza l-pagament.

Xehed illi wara dan il-kaz, inbidlet il-procedura tal-bank fis-sens illi l-Manager irid jivverifika l-istruzzjonijiet tal-klijenti. Gieli jintuza code meta jintbaghat fax izda din mhix il-procedura tal-bank. Kien hemm zmien li kien jintuza dan il-code izda dan kien fi zmien ferm qabel dan l-incident. Kien hemm arrangament bejn ex-impjegat tal-bank u El Haddar li jintuza code. Jaf li ntuza dan il-code pero` sostna li dik ma kinitx procedura tal-bank. Bhala fatt il-bank qatt ma waqqaf dik il-prattika. Il-persuna li kienet tuza l-code u li ma kenitx ghadha tahdem mal-bank kienet Roberta Vella. Kienet spicca tahdem mal-bank xi hames snin qabel dan l-incident. Huwa kien diga` Manager fiz-zmien meta Roberta Vella kienet tahdem il-bank. Kienet taqdi hi lill-attur. Bnhala fatt huwa qatt ma taha struzzjonijiet biex ma jintuzax il-code. Mistoqsi jekk f` kaz ta` kont f` isem zewg persuni, l-fax indemnity form tkunx trid tigi ffirmata miz-zewg persuni, ix-xhud spjega li l-fax indemnity tittiehed qisha *mandate* fis-sens li jekk il-*mandate* jghid li dak il-kont jista` jigi operat minn persuna wahda, allura il-*fax indemnity* tista` tkun iffirmata minn persuna wahda. Jekk il-kont ikun operat miz-zewg persuni, allura imbaghad iridu jiffirmaw it-tnejn. Ix-xhud ma gharafx iwiegeb jekk il-procedura dwar verifiki fuq struzzjonijiet bil-fax kenitx inbidlet wara l-kaz peress li huwa ma baqax jahdem f`dik is-sezzjoni. Pero` sakemm kien ghadu hemm, il-procedura baqghet l-istess.

**Kevin Galea Souchet** – firmatarju fil-kategorija A tal-bank konvenut – xehed illi fil-21 ta` Jannar 2000, Ali El Haddar kien mar il-bank u staqsa dwar operazzjoni ta` US$ 250,037.78 li kien ra fl-istatement tieghu. Kien trasferiment li sar fl-21 ta` Dicembru 1999. Ra u sema` lil Helga Testa tispjega lill-attur id-dettalji tal-pagament izda El Haddar insista li kien hemm xi zball ghax l-ammont kellu jkun ta` US$ 25,000 u mhux ta` US$ 250,000. Helga Testa marret iggib id-dokumenti tat-trasferiment. Meta ra d-dokumenti, El Haddar bidel il-verzjoni fis-sens illi qal li ma kien jaf xejn dwar it-trasferiment u li l-firma fuq il-fax kienet falza ghaliex huwa ma kienx ta dawk l-istruzzjonijiet. Dak il-hin kien

hemm prezenti wkoll Maria Palmier Gonzi. Huwa tkellem ma` Ali El Haddar u kkonferma li ghalkemm jaf li kien hemm fax authority il-firma fuq il-fax ma kinitx tieghu ghalkemm kienet taqbel ezatt mal-firma li l-bank kellu fir-records. Huwa mbaghad ghadda l-kwistjoni lill-Manager Joseph Scicluna. Sostna li t-trasferiment kien processat skond il-proceduri normali tal-bank, fosthom li l-firma fuq l-istruzzjonijiet li jircievi l-bank tigi mqabbla mal-firma originali mizmuma fir-records tal-bank ; li l-bank kellu fax authority/indemnity tal-klijent ; u li kien hemm bizzejjed fondi fil-kont tal-klijent biex isir il-pagament mitlub. Dan kollu kien verifikat minn Maria Palmier Gonzi bhala firmatarja kategorija B u minnu bhala firmatarju kategorija A. It-trasferiment kien awtorizzat wara li saru l-verifiki.

Fil-**kontro-ezami**, ix-xhud ikkonferma li meta kien sehh dan il-kaz, huwa kien supervisor Head Office fil-Foreign Department u Mark Attard kien jahdem fl-Accounts Department. Wara li kien muri d-dokument a fol 34, huwa kkonferma li kien sar transfer fid-9 ta` Dicembru 1999 mill-kont ta` El Haddar ta` US$ 25,000. Huwa kkonferma wkoll li malli ra d-dokument tat-trasferiment tal-US$ 250,000, El Haddar qal li l-firma ma kenitx tieghu, u li l-fax ma kienx baghtha hu. Id- dokument a fol 14 tal-process huwa l-fax li rcieva l-bank. Il-kont kien f` isem l-atturi b`*either to sign.* Il-bank ma kellux *fax indemnity* ta` Abuaisha ghax dan lanqas kien ghadu mar il-bank biex jiffirma d-dokumenti. La l-*mandate* kien *either or* il-bank seta` jimxi fuq tali struzzjonijiet. Il-bank kellu *indemnity form* ta` El haddar li kienet tirrelata ghall-istess kont. Il-*fax indemnity* li kellu l-bank kienet tirrelata ghal kont bejn certu Mr Gabriel u El Haddar izda imbaghad hemm notamenti li dak il-kont inghalaq u li nfetah kont gdid mill-atturi. El Haddar ma ffirma l-ebda *fax indemnity* gdida ghall-kont il-gdid. Biex ighaddi l-pagament, ma kienx necessarju li jcemplu lill-klijent ghalkemm l-ammont kien sostanzjali. Huwa ma kienx jaf b`sistema ta` code li kienet tintuza ma` El Haddar. Illum meta jinfetah kont gdid, il-klijent jintalab li jaghmel *fax indemnity* gdida ghal dak il-kont.

**Helga Triganza gia` Testa** – skrivana mal-bank konvenut – xehdet illi fil-21 ta` Jannar 2000, Ali El Haddar mar il-fergha tal-Belt u tkellem maghha dwar transazzjoni partikolari minn fuq kont tieghu. Intalbet tivverifika operazzjoni li saret fil-21 ta` Dicembru 1999 fejn sar trasferiment ta` US$ 250,000 favur LU-AR Co Shpk. Il-klijent qalilha li t-trasferiment kellu jkun ta` US$ 25,000 u mhux ta` US$ 250,000. Marret tivverifika l-istruzzjonijiet li kellu l-bank. Meta rega` kellmet lil El Haddar, dan bidel il-verzjoni u stqarr maghha li l-US$ 25,000 kienet operazzjoni differenmti u ma kellhiex x`taqsam mat-trasferiment li sar fil-21 ta` Dicmebru 1999 ta` US$ 250,000. Qalilha li qatt ma ta struzzjonijiet ghal dak it-trasferiment u li kien kollu zball tal-bank li sehh billi kien zmien il-Milied. Beda jinsinwa li l-firma fuq il-fax kienet falsifikata u li seta` kien wiehed mill-impjegati tal-bank stess li ghamel hekk. Hija nfurmat lil Vanessa Camilleri peress li fuq il-fax in kwistjoni kien hemm miktub `*confirmed vanessa*`, liema notament kien inkiteb minn Romina Farrugia Randon. Infurmat ukoll lil Romina Farrugia Randon, Maria Palmier Gonzi u Kevin Galea Souchet.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud qalet li kienet ilha tahdem fil-foreign department mill-1996. Kienet ilha taf lil El Haddar ghal xi xhur. Lilha qalilha li kien sar *withdrawal* ta` US$ 250,000 li pero` kien zball ghaliex l-ammont suppost li kellu jkun US$ 25,000. F`idejh El Haddar kellu statement. Hija gabet il-voucher skond id-data li kien urieha u sabet li t-trasferiment kien ta` US$ 250,000. Ikkonfermat li l-fax instructions li kien hemm kienu dawk a fol 14. Meta wrietu dawn, huwa qalilha li t-trasferiment ta` US$ 25,000 kien haga ohra u ma kellux x` jaqsam mat-trasferiment tal-US$ 250,000. Qal illi ma kien ta l-ebda struzzjonijiet biex isir trasferiment ta` US$ 250,000. Stqarret li l-kumpannija Luar semmietha hi mhux El Haddar. Murija d-dokument a fol 34 xehdet illi ma setghetx tghid jekk kienx hemm *outward payment* ta` US$ 25,000 peress li hija ma kellhiex x` taqsam ma` dak il-pagament. Pero` ikkonferma li matul Dicembru 1999 kien hemm trasferiment ta` US$ 25,000.

**Vanessa Camilleri** – skrivana mal-bank konvenut – xehdet illi fil-21 ta` Dicembru 1999, il-Foreign Department ta` l-bank ircieva struzzjonijiet bil-fax iffirmati minn Ali El Haddar biex isir trasferiment ta` flus minn kont tieghu ghal kont iehor barra minn Malta. Romina Farrugia Randon marret id-dipartment taghha u flimkien ghamlu tqabbil tal-firma fuq il-fax mal-firma li kien hemm fir-records tal-bank. U l-firem qablu. Ma` Romina Farrugia Randon ivverifikaw jekk il-bank kellux l-awtorita` minghand El Haddar biex jaccetta struzzjonijiet min ghandu bil-fax. Wara li sabu li dawn l-istruzzjonijiet kienu qeghdin hemm, l-inkartament mar il-foreign department ghall-verifika skond il-proceduri normali tal-bank.

**L-Ispettur tal-Pulizija Ian Joseph Abdilla** xehed illi huwa jahdem fl-Economic Crimes Unit tal-Pulizija. Kienu dahlu diversi rapporti minn diversi organizzazzjonijiet fosthom banek in konnessjoni ma` diversi tentattivi ta` frodi li twettqu bejn l-1999 u l-2002. Uhud baqghu tentattivi waqt li f`ohrajn il-frodi rnexxa. Fit-22 ta` Marzu 2003 saret inkjesta. Huwa lahaq gabar dokumenti izda peress li fl-investigazzjonijiet kien hemm diversi numri ta` telephones, huwa kellu jirreferi l-kaz lill-Magistrat ta` l-Ghassa ghal awtorizzazzjoni. It-tentattivi kienu isegwu skema fejn banek lokali jircievu struzzjonijiet permezz ta` ittra bil-posta registrata biex jigu trasferiti somom ta` flus minn account ghal go banek fil-Yugoslavia jew fl-Albanija. Saru investigazzjonijiet peress li l-account holder ma kienx l-istess wiehed li baghat l-ittra. Kellu f`idejh sitt ilmenti pero` l-kaz ma kienx maghluq. Saru wkoll diversi arresti u fi stqarrijiet li kienu ttiehdu kien hemm ukoll ammissjonijiet.

Ix-xhud stqarr illi in segwitu tressqu l-Qorti xi persuni. Kien hemm kawza kontra erba` persuni : Hector Carter, Alexander Farrugia Wismayer, Charles Cini u Mark Attard. Kien hemm ukoll kawza ohra kontra Adrian Said li pero` baqghet *sine die* billi l-akkuzat harab minn Malta. Dak li rrizulta kienu serje ta` *fraud attacks* fuq il-banek li bdew fl-1998 u baqghu sejrin sal-2003 fejn il-bank kien jircievi fax instructions biex jittrasferixxi flus minn kontijiet ta`

klijenti ghal kontijiet bankarji fil-Jugoslavja jew fl-Albanija. L-istruzzjonijiet, il-firem u l-letterheads kienu kollha folox. Il-Pulizija rnexxielhom jintraccjaw tlett *instructions* li gew mill-Jugoslavja u ohrajn li gew minn Malta wkoll.

Xehed illi fir-rigward ta` Mark Attard, il-kaz kien jitratta l-Lombard Bank (Malta) plc. Ghal habta ta` l-20 ta` Dicembru 1999 il-bank ircieva fax possibilment mill-Albanija sabiex tigi trasferita s-somma ta` US$ 250,000 mill-kont ta` klijent taghhom, certu Ali El Haddar. L-ammont kellu jigi trasferit lejn Alfa Credit Bank go Tirana fl-Albanija. Il-beneficcjarju kienet Lu AR Company Limited. Il-bank irrappurtaw lill-Pulizija izda l-Pulizija ma kienx irnexxielhom jsegwu x` kien gara. In segwitu kien stabbilit pattern wara attakk iehor ghad-dannu ta` PricewaterhouseCoopers, u anke attakki fuq klijenti ohra tal-Bank of Valletta plc. F`Marzu 2003, l-HSBC Bank Malta plc rraporta li kien ircieva struzzjonijiet ghal trasferiment ; minn investigazzjonijiet li saru rrizulta li dawn kienu struzzjonijiet foloz. Saret analizi ta` numru ta` telefon li kien qed jintuza u rrizulta li minn dak in-numru kienu saru telefonati lil Mark Attard. Il-Pulizija saret taf li Mark Attard kien ex-impjegat ta` l-bank konvenut. Saru xi arresti fosthom Mark Attard li ammetta l-involviment tieghu fil-kazi kollha, inkluz dak ta` Ali El Haddar.

Fisser illi Mark Attard qalilhom li huwa kien jahdem mal-bank konvenut. Fl-1999 kien avvicinat minn Hector Carter u Charles Cini. Attard ammetta mieghu li fil-kaz ta` Ali El Haddar huwa kien ghadda lil Carter id-dettalji kollha tal-bank accounts ta` Ali El Haddar, specimen signatures ta` Ali El Haddar, kif ukoll dettalji ohra. Lil Hector Carter il-pulizija kienet tafu bhala persuna li diga` kien tressaq fuq frodi. Mill-persuni li tressqu l-Qorti, Mark Attard kien l-uniku li ammetta l-involviment tieghu fil-frodi. Il-Pulizija ppruvat tiskopri fejn marru l-flus specjalment fil-kaz ta` Ali El Haddar izda ma rnexxilhomx jaslu ghal ebda konkluzjoni. Fil-kaz ta` El Haddar, kien hemm tliet punti li kienu ghadhom irrisolti fis-sens li l-Pulizija qatt ma rnexxielha tkellem lil Adrian Said li huwa mahrub minn Malta ; li l-flus ta` El Haddar ma rnexxilhomx jiskopru kif regghu dahlu lura Malta ; u kien hemm persuna mill-HSBC li kien jghaddi l-informazzjoni lill-organizzazzjoni li baqghet ma gietx rintraccjata.

Irrizulta li Mark Attard kien ha l-informazzjoni dwar El Haddar minn go cabinet fl-ufficcju fejn kien jahdem. Kien qala` l-card u ha fotokopja taghha. Dawn il-cards kienu jintuzaw il-hin kollu u ghalhekk ma kienx prattiku li kull kaxxier li ser jara l-firma joqghod jiffirma ghaliha. Fil-Bank of Valletta sabu li kien hemm tip ta` kontroll elettroniku waqt li l-HSBC ma kienx hemm. Attard stqarr mal-Pulizija illi Carter kien hallsuh xi 2000 jew 3000 *pounds* ghall-assistenza tieghu. L-uniku frodi li rnexxa kien tal-Lombard Bank.

L-Ispettur Abdilla pprezenta kopja ta` erba` stqarrijiet illi rrilaxxja Mark Attard.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud spjega li minkejja li l-isforzi tal-Pulizija Maltija, ma giet l-ebda risposta mill-awtoritajiet ta` l-Albanija. Ippreciza li kienet assunzjoni tal-Pulizija li l-flus gew lura Malta. Ikkonferma li huwa kien l-Ufficjal Prosekutur fil-kaz istitwit kontra Mark Attard u nies ohra. Il-kaz kontra Mark Attard kien deciz fis-6 ta` Ottubru 2008 ; Attard instab hati ta` l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu, kien kundannat ghal piena ta` sentejn prigunerija sospizi ghal erba` snin, u multa ta` €3000. Attard ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu. Kontra Neil Carter ma kienx hemm provi bizzejjed biex jitressaq il-Qorti. Skond ix-xhud Hector Carter kien *conman*. Hector Carter kellu precedentement akkuzi ta` dikjarazzjonijiet foloz lill-Kontrollur tad-Dwana. Huwa pprezenta l-fedina penali ta` l-istess Carter.

**Neil Carter** xehed illi huwa jigi iben Hector u Anna Carter u mizzewweg lil Susan Carter. Jaf lil Mark Attard billi jaf lil ohtu. Huwa m`ghandu x`jaqsam xejn mal-attur ; u lanqas qatt kellu xi relazzjoni mal-bank konvenut. Mark Attard kien gie investigat mill-Pulizija u semma lilu, izda huwa qatt ma kien mixli b`xejn mill-Pulizija. Kien missieru li qallu Mark Attard x`kien qal fuqu ; dak li qal Mark Attard ma kienx veru. Huwa xtara zewg mobile phones minghand Mark Attard ghalih u ghal ohtu. Qatt ma cempel lil Attard fuq il-post tax-xoghol tieghu. Cahad li kien ghadda xi envelopes lil Attard bi flus go fihom. Qatt ma qal lil Attard li missieru kien imsiefer biex jigbor xi flus.

**Susan Carter** xehdet illi hi u Neil Carter izzewgu fl-2003. Fl-1999 la kienet ghadha taf lil zewgha u lanqas lil Mark Attard. Ma kellha l-ebda involviment ma` Mark Attard. Lill-atturi ma kenitx tafhom.

**Hector Carter** xehed illi huwa sar jaf bl-attur meta baghtu ghalih il-Pulizija. Hu u qrabatu saru jafu bil-kawza tal-lum meta raw isimhom fuq il-gazetta. Qabel qatt ma kienu rcevew xejn mill-Qorti dwar din il-kawza.

Xehed illi sar jaf lil Mark Attard fl-1998 ghax kien habib ta` ibnu Neil. L-uniku konnessjoni li qatt kellu ma` Attard kien li tah permess jahzen xi laptops go ufficcju li ma kienx qed juza. Lill-atturi ma jafhomx u lanqas qatt ghamel negozju maghhom. Qatt ma kellu x`jaqsam mal-Lombard Bank.

Stqarr illi mhux korrett dak li qal Attard li kien hu li talbu informazzjoni dwar l-attur. Kif lanqas ma huwa minnu li l-attur kellu jaghtih xi flus. Huwa ma kellu bzonn ta` ebda firma ta` l-attur. Cahad dak li allega Mark Attard fl-istqarrija tieghu ossija li kien talbu jaghtih informazzjoni dwar xi kumpaniji. Cahad dak li qal Mark Attard li baghtlu envelope b`xi flus ma` Neil. Attard qatt ma hadem ghalih.

Xehed illi flimkien ma` Ganni D`Annibale kellhom ishma f` socjeta` Albaniza IMA Company Ltd liema kumpanija kienet timmanifattura toilet paper u affarijiet ohra simili biex jinbieghu fl-Albania u l-Macedonia. Minhabba f` hekk kien isiefer lejn l-Albanija. Huwa ma jaf xejn dwar faxes li ntbaghtu lil Lombard Bank minn Malta jew minn barra.

Insista li huwa ma ghandu x` jaqsam xejn ma` din il-kawza. Irrefera ghax-xiehda ta` l-Ispettur Abdilla fejn dan sostna li Carter huwa `*conman*`. Qal li dan assolutament mhux minnu. Attard hammeg lilu u lil ibnu u ma kienx ragel bizzejjed li jigi l-Qorti u jghid il-verita`.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud qal illi ma ha l-ebda passi kontra l-Ispettur Abdilla ghall-kummenti li ghadda dwaru fis-sens li huwa *conman*. Huwa sostna li ser jiehu passi wara li tinqata` l-kawza. Huwa cahad li qatt kien imressaq ma` Joseph Bugeja gol-Qorti fuq kwistjoni ta` VAT. Huwa sejjer jiehu passi legali anke kontra Mark Attard. Lil El Haddar ma kienx jafu ; rah jixhed darba fil-proceduri kriminali.

**Anna Carter** xehdet illi qatt ma semghet bl-attur. Qatt ma kellha kontijiet mal-Lombard Bank. Lil Mark Attard ratu xi darbtejn ghax kien habib ta` binha. Rat l-istqarrijiet ta` Mark Attard u hassitha ixxukjata hafna. Hija ma tiftakarx li zewgha kellu xi tip ta` negozju ma` Attard. Dwar din il-kawza ma taf xejn.

**Av. Dr. Alexia Aquilina**, bhala rapprezentant tar-Registratur tal-Qrati, xehdet illi ma sabet l-ebda ittra ufficjali jew att gudizzjarju iehor prezentat mill-atturi jew mill-bank konvenut kontra l-kjamati fil-kawza Carter.

**Connie Azzopardi** mid-Dipartiment tal-VAT xehed illi kontra Joseph Bugeja kienu ttiehdu zewg procedimenti distinti minhabba nuqqas li jipprezenta ir-returns jew nuqqas li jaghmel pagamenti fuq dawn ir-returns. L-ewwel kaz kien li naqas li jipprezenta r-returns bejn l-1 ta` Novembru 2006 sal-31 ta` Ottubru 2008 liema kaz gie rtirat fis-17 ta` Gunju 2010. It-tieni kaz kien dwar returns mill-1 ta` Novembru 2008 sal-31 ta` Ottubru 2010, liema kaz gie rtirat ukoll fil-31 ta` Jannar 2013 billi gew sottomessi dawn ir-returns.

**Joseph Bugeja** xehed illi huwa jahdem ma` l-Air Malta u qabel kien jahdem fil-fabbrika Paradise. Lil Hector Carter kien jafu izda qatt ma kellu negozju mieghu. Kien talbu jiffirmalu xi karti li Carter kien qallu li kienu biex ikun jista` jgib energy drinks minn barra. Jaf li minn jeddu Carter tah xi flus biex jghinu meta bintu kienet mardet bil-fwied. Kien tressaq il-Qorti dwar kwistjoni ta` VAT. Carter kien igib il-birra `Bavaria` u ma setax igib energy

drinks ; kien ghalhekk li kien iffirmalu xi karti. Kien ircieva akkuza tal-VAT izda Carter kien qallu biex iserrah mohhu ghax kien hallashom.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Risultanzi</u>**

**Il-Qorti tirrileva illi l-azzjoni attrici kienet promossa abbazi tal-obbligazzjonijiet naxxenti mir-relazzjoni *ex contractu* li l-atturi kellhom mal-bank konvenut, u cioe` ir-relazzjoni ta` bejn depozitant u depozitarju. Huwa evidenti li l-atturi qeghdin jimputaw lill-bank konvenut – <u>mhux lil haddiehor</u> – inadempjenzi kontrattwali li – skond huma - wasslu ghat-telf li garrbu. Dak kien il-binarju prexelt mill-atturi sabiex jindirizzaw l-azzjoni taghhom. Ghalhekk l-atturi ndikaw <u>biss</u> lill-bank konvenut bhala l-kontradittur taghhom fuq il-pretiza li dan kellu jwiegeb ghall-konsegwenzi tal-inadempjenzi li jallegaw li kienu kommessi mill-bank konvenut.**

Huwa punt ta` dritt li depozitarju – skond l-**<u>Art 1899 tal-Kap 16</u>** – ghandu jiehu hsieb tal-haga li tkun fil-kustodja tieghu *daqs kemm jiehu fil-hsieb fil-kustodja ta` hwejgu.* Skond l-**<u>Art 1900(1) tal-Kap 16</u>** : *id-disposizzjonijiet ta` l-ahhar artikolu qabel dan ghandhom jigu applikati b`mod sever … b) meta jkun ftiehem li ghandu jithallas ghall-kustodja tad-depozitu.* Id-diligenza li d-depozitarju ghandu juza fl-ezekuzzjoni ta` l-obbligazzjonijiet tieghu hija dik ta` *bonus paterfamilias.*

Din il-Qorti diversament presjeduta (**<u>PA/MC</u>**) kellha okkazjoni li tezamina l-istitut tad-depozitu fis-sentenza li tat fl-14 ta` Marzu, 2013 fil-kawza "**<u>Studio Seven Co. Limited vs Awtorita` Maltija ghat-Turizmu et</u>**".

Il-Qorti qalet hekk :-

*"Ir-relazzjoni bejn iz-zewg socjetajiet hi affini mal-istitut tad-depozitu regolat fil-Kap. 16 fl-artikolu 1891 et seq.*

*Kif qalet il-Qorti f`succint ghal dak li tghid il-ligi fil-kawza Saviour Cutajar vs Agent Registratur tal-Qorti, deciza fis-16 ta` Gunju 2005 (per Imhallef J. R. Micallef) : il-kuntratt tad-depozitu jinvolvi t-tqeghid ta` haga f`idejn haddiehor, bl-obbligu ta` dan li jharisha u li jroddha lura in natura meta jintalab li jaghmel dan (Art. 1891 tal-Kap. 16).*

*Illi l-ligi trid li dak li ghandu titqieghed haga b`depozitu jiehu hsiebha bhalma jiehu hsieb hwejgu stess (Art. 1899 tal-Kap. 16). Izda hu ma jwegibx ghall-accidenti li jsehhu b`forza magguri, sakemm ma jkunx tnikker biex irodd lura l-haga lil min ikun talabhielu lura (Art. 1901 tal-Kap. 16).*

*Id-dmir ewlieni u element kardinali tal-kuntratt tad-depozitu huwa li d-depozitarju ghandu jrodd lura l-istess haga mhollija f`idejh fil-qaghda li tkun fiz-zmien meta tintradd u kull tgharriq li ggarab bla htija tieghu jbatiha d-depozitant (Art. 1904 tal-Kap. 16).*

*Illi jitqies li haga depozitata tkun intilfet b`forza magguri jekk kemm-il darba jintwera li d-depozitarju jkun ha l-passi kollha mehtiega u ragonevoli biex il-haga depozitata tkun tqeghdet fiz-zgur [Kumm. 29.6.1979 fil-kawza fl-ismijiet Nut. Joseph Vella Galea vs Anglu Azzopardi et (mhix pubblikata)]. Is-serq huwa wahda mill-grajjiet li jistghu jitqiesu bhala forza magguri ghad-depozitarju (P.A. NC 28.4.2004 fil-kawza fl-ismijiet John Camilleri noe et vs Saviour Zahra).*

*Intqal ukoll fil-kawza Reginald Micallef et vs Godwin Abela et, deciza fil-31 ta` Jannar 2003 (per Imhallef P. Sciberras) : "jinsab ritenut illi allavolja huwa jkun accetta li jzomm il-haga b`depozitu bil-patt li ma jkunx responsabbli ghall-hsara li jista` jigri fil-haga, id-depozitarju huwa tenut ghad-dolo u kolpa gravi" ("Neg. Joseph Darmanin noe -vs- Neg. Joseph Schembri", Appell Kummercjali, 20 ta` Frar 1953)".*

**Id-difiza tal-bank konvenut kontra l-azzjoni attrici tingabar fil-pretensjoni li l-bank wettaq b`diligenza l-istruzzjonijiet li kellu, liema struzzjonijiet nghataw lill-bank permezz ta` *fax* ; inoltre in vista tal-*fax indemnity form*, li ffirma l-attur El Haddar, il-bank konvenut kien ezentat minn kwalsiasi responsabbilita`.**

**Wara li qieset il-provi fl-assjem taghhom, il-Qorti <u>mhijiex sodisfatta</u> li l-bank konvenut wettaq b`diligenza l-obbligi tieghu.**

It-trasferiment ta` US$ 250,000 sar mill-bank konvenut wara li l-bank jallega li kien ircieva struzzjonijiet minghand l-attur Ali El Haddar permezz ta` fax – u li diversi impjegati tal-bank konvenut halfu - wiehed wara l-iehor - li kienet iffirmata mill-istess Ali El Haddar.

**Il-Qorti <u>mhijiex sodisfatta</u> li l-bank konvenut ha l-prekawzjonijiet kollha mistennija minnu sabiex jaccerta ruhu mill-awtenticita` ta` dik il-fax <u>qabel</u> jeffettwa t-trasferiment, u ghalhekk il-Qorti <u>mhijiex sodisfatta</u> li l-bank konvenut gab ruhu ta` *bonus paterfamilias.***

Ali El Haddar kien klijent tal-bank konvenut ghal diversi snin. Mill-assjem tal-provi ma rrizultax li qatt qabel kien talab li jkun hemm trasferiment ta` flus f`ammont li jqarreb il-figura ta` US$ 250,000. L-ghaqal kien jitlob illi l-bank konvenut hekk kif ircieva l-fax mhux jillimita ruhu ghall-proceduri soliti tal-bank, izda **qabel** biss jahseb li jibghat dawk il-flus kollha, u **wara** li jkun ghamel il-verifiki interni tieghu – inkluz it-tqabbil tal-firem - jaghmel l-ahhar sforz ta` diligenza ta` *bonus paterfamilias* illi jew jesigi minghand il-klijent l-original tal-fax jew inkella jikkonferma bit-telefon direttament mal-klijent l-awtenticita` tal-fax li kien ircieva. Mhux biss f`ammonti daqstant qawwija – izda l-Qorti tghid – anke fil-kaz ta` ammonti izghar – il-prudenza kienet titlob li jkun hemm konferma ulterjuri tar-rikjest ghal trasferiment - li jmur oltre s-solita *bank practice.* Il-Qorti taghti piz il-fatt illi *ex post facto* il-prattika tal-bank konvenut inbidlet fis-sens li bdew isiru verifiki bit-telefon wara li jaslu struzzjonijiet bil-fax. Allura jekk il-konferma bit-telefon bdiet tigi pratikata wara l-fatt, ghala ma kenitx pratikata qabel u b`hekk jigi skansat inkwiet bla bzonn ? Il-konferma bit-telefon m`ghandhiex titqies bhala procedura '*reattiva*' ghal dak li gara fil-kaz tal-lum, izda kellha tkun mizura '*preventiva*' li ssib post ewlieni fil-kuntest tal-ezercizzju korrett tad-diligenza ta` *bonus paterfamilias.* Skond ix-xiehda tal-Ispettur Ian Joseph Abdilla, irrizulta illi bank kompetitur iehor Malti – fil-perijodu in kwistjoni – diga` kellu *in place* procedura fejn il-bank jaghmel kuntatt bit-telefon mal-klijent li jkun irrikjeda t-trasferiment biex ikollu konferma li *tutto e` a posto.*

Fil-kaz ta` Ali El Haddar irrizulta wkoll meta impjegata partikolari tal-bank kienet *tisservisja* l-kont tieghu, kien jigi adoperat *code* bhala konferma ta` rikjesti ghal operazzjonijiet bankarji bankarja li jkunu saru minn El Haddar. Meta l-impjegata partikolari ma baqghetx *tisservisja* l-kont *jidher* li l-*code* ma baqax jigi adoperat. U hekk gara fil-kaz tal-lum ; infatti fil-fax li waslet ghand il-bank konvenut, ma kienx indikat il-*code* ta` El Haddar. Hemm il-bank messu kien previdenti meta sab dak in-nuqqas. Ghalkemm l-uzu ta` *code* ma kienx procedura solita tal-bank, irrizulta li l-ufficjali tal-bank kienu edotti b`dak li kien qed isir fil-kaz ta` El Haddar, u ma ddisapprovawx l-uzu tal-*code.* In aggunta mal-mizuri l-ohra ta` prevenzjoni, l-uzu ta` *client code* ghal operazzjonijiet partikolari kellu jitqies bhala *a plus* biex jirrendi l-operazzjoni aktar sikura.

Minn esami tal-fax, jirrizulta li din ntbaghtet fuq letterhead ta` kumpannija. Mhijiex kontestata l-istqarrija ta` El Haddar illi kull meta baghat lill-bank konvenut struzzjonijiet bil-fax dawn kienu fuq karta (bla letterhead) u bil-code tieghu. Anke f`dan il-kaz, il-bank konvenut messu kien previdenti u ma ha propju xejn *for granted* ; aktar u aktar meta wiehed iqis li l-possessuri tal-kont bankarju mnejn kienu se jigu trasferiti l-flus kien f`isem l-atturi mhux f`isem kumpannija. Romina Frendo Randon – impjegata tal-bank – ikkonfermat illi l-bank qatt ma kien inghata struzzjonijiet mill-kumpannija li isimha kien jidher fuq il-letterhead. Dan l-akkorgiment ma kienx semplici dettall izda kien fattur ta` sostanza li kien messu stimola lill-ufficjali tal-bank konvenut sabiex imorru oltre dak li kien jidher.

Dwar it-tqabbil tal-firem, il-Qorti mhijiex sodisfatta li l-bank konvenut kellu *in place* accertamenti *del mestiere* sabiex it-tqabbil tal-firem ikun tassew *full-proof* u mhux soggett ghal dak li jirrizulta lill-impjegati *ictu oculi.* Ma ninsewx li t-tqabbil tal-firem li sar kien bejn firma fuq fax (u allura mhix originali) ma` *specimen signature* originali li kienet fir-*records* tal-bank. Ladarba l-paragun kien qed isir bejn dokument *in kopja* ma` dokument *in originali* ma kienx bizzejjed li l-accertament tal-firem isir *ictu oculi* anke jekk minn aktar minn impjegat wiehed. Kellu jkun hemm verifiki ohra ladarba mill-bidu nett il-fax bhala tali *should have raised eyebrows.* Mix-xiehda tal-Ispettur Ian Joseph Abdilla, nafu li Mark Attard kien il-persuna li kisbet kopja tal-firma originali ta` El Haddar u abbazi ta` dik, imbaghad kienet fabbrikata l-fax. Eppure nistghu nghidu li l-bank ikollu jistrieh - ghall-kredibilita` u l-professjonalita` tieghu – fuq il-*bona fides* tal-impjegati tieghu ? M`kellux ikun hemm procedura – anke jekk stretta – ta` *internal control* fuq l-access ghall-firem ? F`qasam tant delikat u sensittiv bhal ma huma s-servizzi bankarji u finanzjarji, il-prevenzjoni ma hija qatt wisq. Meta kollox ighaddi ghax rutina, jew ghax igib sikkatura, ir-riskji jizdiedu specjalment meta ghandek malvivent determinat. Li l-access ghall-firem ikun miftuh ghall-impjegati kollha tal-bank minghajr riserva jew distinzjoni mhuwiex tajjeb. L-access ghandu jkun ristrett ghall-impjegati skond id-dipartiment li jkun taht il-kontroll tas-supervisor. Hija *al dir meno* sorprendenti l-estrema facilita` li biha Mark Attard acceda ghad-dokumenti li ried dwar El Haddar meta dan tal-ahhar ma kienx *serviced* minn Attard li kien jahdem fid-Dipartiment tal-Accounts. Id-delitt kien kommess minn Mark Attard bil-komplicita` ta` terzi izda l-Qorti m`ghandhiex dubju li vis-a-vis El Haddar kienu in-nuqqasijiet tal-bank konvenut li ghamlu l-misfatt ta` Mark Attard anqas komplikat.

Il-Qorti tosserva wkoll agir kontradittorju u karenti fil-professjonalita` da parti tal-bank konvenut. El Haddar kien klijent tajjeb tal-bank ghal hafna snin. Mela l-bank kien jaf ma` min kien qed jittratta. Eppure meta nqala` dak li nqala` fil-21 ta` Jannar 2000, bhal donnu, l-impjegati tal-bank riedu johorgu lil El Haddar ta` giddieb. U dik hija l-kelma – xejn aktar u xejn inqas ! Diversi impjegati – wiehed wara l-iehor – jinsistu li El Haddar *bidel il-verzjoni.* Mis-sekwenza tal-fatti, u milli rrizulta aktar `il quddiem fiz-zmien, hareg bic-car li El Haddar kien vittma, u ma ried jiehu vantagg minn hadd. Il-malintiz dwar il-US$ 25,000 / US$ 250,000 harget cara, u huwa evidenti li dak ma kienx kaz ta` *dietro front* da parti ta` El Haddar. Anzi huwa l-*ennesima* konferma li El Haddar qatt ma ta struzzjonijiet lill-bank biex jittrasferixxi US$ 250,000. Ghalih l-uniku trasferiment awtorizzat kien dak ta` US$ 25,000 minn kont, u rreagixxa meta sab li kienu naqsu US$ 250,000 minn kont iehor. Accertat li l-agir ta` El Haddar kien *above board* il-bank messu kien pront u talab l-intervent tal-Pulizija ladarba hareg fid-deher li *si trattava* ta` falsifikazzjoni ta` dokument u ta` *siphoning of funds.* Fil-fatt il-bank ma ghamilx rapport - kif ikkonferma Graham Fairclough fid-deposizzjoni tieghu.

Dwar il-kwistjoni tal-helsien minn responsabilita` minhabba l-*fax indemnity form* li kien iffirma El Haddar, irrizulta li l-kont mnejn kienu trasferiti l-flus kien intestat lill-atturi – mhux lil El Haddar wahdu. Irrizulta li meta sar it-trasferiment tal-flus, Abuaisha ma kienx ghadu ffirma d-dokumenti necessarji sabiex il-process tal-ftuh tal-kont ikun kompletat. Billi l-kont kien *joint*, kien effettivament mehtieg li fl-ewwel lok, id-dokumentazzjoni tkun iffirmata miz-zewg beneficcjarji, haga li kienet ghadha ma sehhitx, u fit-tieni lok li jkun hemm *fax indemnity form* iffirmata miz-zewg beneficjarji. Irrizulta li ghalkemm El Haddar kien iffirma biex il-kont fil-kaz ta` firem ikun *or* mhux *and,* Abuaisha ma kienx ghadu ssigilla bil-firma tieghu tad-dokumenti jew b`xi mod iehor l-accettazzjoni tieghu biex il-kont jigi operat minn beneficjarju wiehed biss u mhux necessarjament mit-tnejn flimkien. Ghalhekk minghajr il-firma ta` Abuaisha fuq il-fax, fid-data tat-trasferiment tal-flus, ma setax jigi operat il-kont bil-firma biss ta` El Haddar, anke li kieku l-firma ta` El Haddar kienet tieghu tassew, li fil-kaz tal-lum irrizulta li ma kenitx. Ghalhekk il-bank konvenut ma jistax jinvoka helsien minn responsabilita`.

Il-Qorti tghid ukoll illi *fax indemnity form* ma tezentax lill-bank konvenut milli jaghmel accertamenti u verifiki li huma dettati mid-diligenza u mill-prudenza ta` *bonus paterfamilias.* Il-bank konvenut ma ghandux jippretendi li b`*fax indemnity form* huwa jista` jikkontratta *out of its liability* ghaliex dik l-*indemnity* ma tezentax lill-bank konvenut mill-obbligi ta` diligenza ta` *bonus paterfamilias.*

Fil-kaz tal-lum irrizulta li ebda wiehed mill-atturi ma ffirma *fax indemnity form* ghar-rigward ta` **<u>dak il-kont partikolari</u>** – lanqas l-istess El Haddar. Infatti
rrizulta li l-*fax indemnity form* li l-bank kien qed joqghod fuqha kienet giet iffirmata minn El Haddar in konnessjoni ma` *joint account* li kien fetah fl-1994 ma` haddiehor (mhux Abuaisha). Infatti El Haddar ma kienx intalab jiffirma *fax indemnity form* ohra fir-rigward ta` l-kont il-gdid ma` Abuaisha. Il-Qorti hija tal-fehma li kull kont gdid huwa kuntratt gdid bejn il-bank u d-depozitant li jfisser li jgorr mieghu obbligi kontrattwali godda u allura jkompli jfisser li fil-kaz tal-*joint account* gdid il-bank kellu jirrikjedi li z-zewg *account holders* jiffirmaw it-tnejn il-*fax indemnity form.* Fil-fehma tal-Qorti, errata kienet l-assunzjoni tal-ufficjali tal-bank konvenut li l-*fax indemnity form* ta` qabel li kienet tghodd ghal El Haddar tigi estiza u tkun resa applikabbli ghall-*joint account* ta` bejn l-atturi. Fil-fehma tal-Qorti anke dan l-izball ta` gudizzju jdghajjef il-posizzjoni tal-bank fil-kawza tal-lum, meqjus ukoll il-fatt li *ex post facto,* skond Kevin Galea Souchet, il-bank bidel il-procedura tieghu u beda jesigi li ma` kull kont gdid li jinfetah ikun hemm *fax indemnity form* iffirmata wkoll.

Il-Qorti tqis li – indipendentement mill-misfatti tal-kjamati fil-kawza jew min minnhom jew addirittura ta` persuni ohra li mhumiex partijiet fil-kawza -

kienet il-karenza fil-prekawzjonijiet u fit-tutela tad-depozitanti li wassal ghat-telf li garrbu l-atturi. Dwar dan il-Qorti m`ghandhiex l-icken dubju u huwa ghal kollox inutili li l-bank konvenut ikopri n-nuqqasijiet tieghu billi jiskarika kollox fuq il-misfatti kommessi minn haddiehor. Il-Qorti tifhem ghaliex il-bank konvenut baqa` jinsisti fuq il-kjamata fil-kawza ta` Mark Attard u tal-membri tal-familja Carter. Jekk xejn sabiex - jekk ikun il-kaz – izomm firm id-dritt ta` rivalsa kontra l-kjamati fil-kawza jew min minnhom. Fl-istess waqt pero` il-Qorti tirriafferma li bil-binarji tal-kawza hekk kif determinati mill-atturi, u cioe` azzjoni *ex contractu,* ma tistax iddawwar il-kawza f`azzjoni *ex delicto* meta l-atturi qatt ma talbu lill-Qorti biex tiddeciedi fuq bazi ta` *ex delicto.*

**Finalment il-Qorti sejra tiddeciedi l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni skond l-<u>Art 2153 tal-Kap 16</u> li kienu sollevati separatament mill-kjamati fil-kawza Mark Attard ; Hector u Anna Carter ; u Neil u Susan Carter.**

**<u>L-Art 2153 tal-Kap 16</u>** jaqra hekk :-

*L-azzjoni ghall-hlas ta` hsarat mhux ikkagunati b`reat taqa` bi preskrizzjoni bl-eghluq ta` sentejn.*

Mill-assjem tal-provi jirrizulta kjarament illi din il-preskrizzjoni mhijiex applikabbli ghall-kaz tal-lum.

Il-Qorti dan tghidu mhux biss ghaliex l-azzjoni attrici hija *ex contractu.* Izda anke ghaliex kwalsiasi koinvolgiment tal-kjamati fil-kawza - jew min minnhom - ma jista` qatt isib relazzjoni jew ikun abbinat ma` *hsarat <u>mhux</u> ikkagunati b`reat.*

*Stando agli atti*, il-bank konvenut dahhal lil Mark Attard u lill-membri tal-familja Carter fil-kawza **<u>propju u unikament</u>** fuq il-pretensjoni tieghu illi <u>kkommettew reat</u>.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tichad</u> l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art 2153 tal-Kap 16.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Lombard Bank Malta plc.**

**Tichad it-tieni eccezzjoni u cioe` dik tal-preskrizzjoni skond l-Art 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta sollevata mill-kjamat fil-kawza Mark Attard.**

**Tilqa` l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza Mark Attard.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza Mark Attard.**

**Tillibera lill-kjamat fil-kawza Mark Attard mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Tichad it-tieni eccezzjoni u cioe` dik tal-preskrizzjoni skond l-Art 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta sollevata mill-kjamati fil-kawza Hector u Anna konjugi Carter.**

**Tilqa` l-ewwel eccezzjoni tal-kjamati fil-kawza Hector u Anna konjugi Carter.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-kjamati fil-kawza Hector u Anna konjugi Carter.**

**Tillibera lill-kjamati fil-kawza Hector u Anna konjugi Carter mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Tichad it-tieni eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta sollevata mill-kjamati fil-kawza Neil u Susan konjugi Carter.**

**Tilqa` l-ewwel eccezzjoni tal-kjamati fil-kawza Neil u Susan konjugi Carter.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta` l-eccezzjonijiet l-ohra tal-kjamati fil-kawza Neil u Susan konjugi Carter.**

**Tillibera lill-kjamati fil-kawza Neil u Susan konjugi Carter mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Tilqa` l-ewwel u t-tieni talbiet tal-atturi.**

**Tilqa` t-tielet talba tal-atturi u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut Lombard Bank Malta plc sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta` mitejn u hamsin elf Dollaru Amerikan (US$ 250,000) bl-imghax legali b`effett mit-22 ta` Mejju 2001 (data tan-notifika tac-citazzjoni lill-konvenut Lombard Bank Malta plc) sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tordna lill-kjamati fil-kawza Mark Attard, Hector u Anna konjugi Carter, u Neil u Susan konjugi Carter sabiex ihallsu l-ispejjez gudizzjarji relatati mad-decizjoni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Tordna lill-konvenut Lombard Bank Malta plc sabiex ihallas l-ispejjez kollha l-ohra tal-kawza.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------